MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1915/1999/1

**Edmea Pace**

**vs**

**Edward Pavia**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attrici fit-30 ta' Awissu, 1999, li fiha, wara li ppremettiet:

1. Illi l-partijiet ffirmaw skrittura datata 19 ta' Settembru, 1997, skond liema skrittura kellu jsir kuntratt ta' permuta bejn l-istess partijiet, billi l-attrici tittrasferixxi a favur tal-konvenut id-dar numru 43, Msida Road, Gzira, u

l-konvenut jittrasferixxi a favur tal-attrici l-appartament "Flat 9/ Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, St.Paul's Bay" flimkien ma' pagament ta' elfejn lira Maltin (LM2,000), skond ma jirrizulta mill-kopja fotostatika annessa bhala "Dok EP1", u illi l-konvenut interpella lill-attrici sabiex taddivjeni ghall-kuntratt relattiv permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Dicembru, 1987;

2. Illi l-attrici u r-ragel taghha Francis Pace, illum mejjet, ipprezentaw citazzjoni fit-tletin (30) ta' Dicembru 1987 fl-ismijiet *"Edmea mart Francis Pace kif ukoll l-istess Francis Pace fil-kwalita' tieghu bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnu u bejn l-imsemmija Edmea Pace, ghan-nom u in rappresentanza tal-istess vs Edward Pavia",* Citazzjoni Numru 1034/87 JSP fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-iskrittura illi giet iffirmata bejn il-kontendenti fid-19 ta' Settembru, 1987 hija nulla u minghajr effett fil-ligi bhala konvenju in kwantu l-attur Francis Pace, bhala legittimu amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll bhala l-kap tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnu u bejn martu ma kienx parti fuq l-istess skrittura, kif ukoll in kwantu l-istess skrittura ma fijhiex dikjarazzjoni mill-partijiet fuq l-istess tal-valuri relattivi tal-proprjetajiet in kwistjoni kif trid il-ligi; u fin-nuqqas

(2) Tirrexxindi l-iskrittura illi giet iffirmata mill-kontendenti fid-19 ta' Settembru, 1987 u dana peress illi l-kunsens tal-attrici fuq l-istess skrittura kien ivvizzjat bi zball ta' fatt u ta' ligi, kif ukoll b'eghmil doluz ipprattikat fuqha mill-istess konvenut;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' sentenza moghtija fit-tletin (30) ta' Ottubru, 1991, laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u konsegwentement cahdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjes;

4. Illi l-konvenut ipprezenta citazzjoni fit-tmintax (18) ta' Jannar 1988 fl-ismijiet *Edward Pavia vs Edmea Pace,* Citazzjoni Numru 55/88/FGC, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tikkundanna lill-konvenuta (l-attrici odjerna) sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, taddivjeni ghall-kuntratt definittiv ta' permuta, sabiex l-istess konvenuta titrasferixxi taht l-istess titolu ta' permuta lill-attur (konvenut odjern) il-fond Numru 43, Msida Road, Gzira liema attur da parte tieghu u taht l-istess titolu ta' permuta jitrasferixxi lill-konvenuta l-flat numru 9, Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, St.Paul's Bay, oltre ekwipazzjoni ta' LM2,000 pagabbli mill-attur lill-konvenuta u dana verso il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju datat 19 ta' Settembru, 1987;

(2) Tinnomina Nutar biex jippubblika l-kuntratt relattiv fil-jum, hin, u lok determinat mill-Qorti, u jigu nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess Att, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha taghti;

5. Illi din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' sentenza moghtija fit-tlieta (3) ta' Dicembru, 1993, laqghet it-talbiet attrici sopra-elenkati u, konsegwentement, ikkundannat lill-konvenuta (l-attrici odjerna) sabiex titrasferixxi b'titolu ta' permuta lill-attur il-fond nru 43, Msida Road, Gzira skond il-konvenju tad-19 ta' Settembru, 1987, fuq imsemmi u sabiex taghti effett ghal din l-istess permuta innominat lin-Nutar Dottor Angelo Vella sabiex jippubblika l-att opportun nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar, 1994, fl-4.00p.m. fl-Ufficju Legali nru 52 Triq San Kristoforu , Valletta u lill-Avukat Dottor Rachel Spiteri Bonello bhala kuratur biex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Illi f'dawn il-jiem l-attrici saret taf minn terzi li l-appartament numru 9, ta' Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, *jew* huwa inezistenti *jew* inbiegh lil terzi,

stante li l-blokk in kwistjoni jikkonsisti esklussivament f'seba' appartamenti internament immarkati u numerati min-numru wiehed (1) san-numru sebgha (7), liema appartamenti huma kollha mibjugha lil u/jew okkupati minn terzi;

7. Illi dawn il-fatti jammontaw ghal frodi u li l-attrici soffriet danni bhala rizultat ta' tali frodi;

8. Illi fiz-zmien illi gew decizi l-kawzi summenzjonati, dawn il-fatti ma kienux a konoxxenza ta' l-attrici, u kwindi qieghda tigi esercitata l-azzjoni provduta mill-ligi taht l-artikoli 1222 u 1223 Kap 16;

Talbet l-attrici biex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tiddeciedi u tiddikjara illi l-iskrittura datata dsatax (19) ta' Settembru 1987 hija nulla u minghajr effett fil-ligi, in kwantu l-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat b'qerq, frodi u zball ta' fatt u in kwantu l-obbligazzjoni nnifisha kellha bhala oggett konsiderazzjoni falza u kwindi tirrexxindi l-istess skrittura ghall-effetti kollha tal-ligi;

(2) Tiddeciedi u tiddikjara illi fi kwalunkwe kaz il-konvenju ta' permuta konkluz fid-dsatax (19) ta' Settembru, 1987, kif ukoll is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-tlieta (3) ta' Dicembru, 1993, ismijiet *Edward Pavia vs Edmea Pace*, Citazzjoni Numru 55/88/FGC, huma inezegwibbli u inkapaci ta' ezekuzzjoni u dan minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut; u

(3) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici, llikwida l-istess danni, tiddikjara lill-konvenut debitur fis-somma likwidata u tikkundanna l-istess konvenut ihallas l-istess somma likwidata.

Bl-ispejjez legali, bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi, il-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nulli u bla effett stante li huma irriti u legalment insostenibbli meta qed jitolbu sanzjoni ta’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u senjatament dik ta’ Citazz Numru 55/88 FGC datata 3/12/1993 meta l-ligi taghna tipprovdi r-rimedji ta’ l-Appell u ritrattazzjoni sabiex tigi attakkata sentenza tal-Qrati nostrali;

2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu skartati kompletament minn din il-Qorti stante illi huma *`res judicata’* fl-istess citazzjonijiet imsemmija fic-citazzjoni odjerna u cioe’ ta’ Citazz Numru 55/88 FGC datata 3/12/1993 u Citazz Numru 1034/87 JSP datata 30/10/1991;

3. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti a termini tal-artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-citazzjoni attrici hija irrita u ghalhekk nulla u bla effett stante illi bbazata fuq l-artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 illi jelenkaw termini preskrittivi u mhux bazi ta’ azzjoni skond il-premessi tac-citazzjoni;

5. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghall-premess u biss fl-eventwalita’ illi l-eccezzjonijiet kollha suesposti ma jregux l-eccezzjonijiet kollha mqajma fic-citazzjonijiet appena fuq citata;

6. Illi fil-mertu c-citazzjoni odjerna hija fattwalment bla bazi stante illi l-fond numru 9 verament

jezisti u l-istess attrici dahlet personalment fil-fond in kwistjoni;

7. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal tat-13 ta’ Marzu, 2001, fejn din il-Qorti iddiregiet lid-difensuri tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati, bil-hsieb li tinghata sentenza parzjali fuq l-istess zewg eccezzjonijiet preliminari;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Avukat tal-attur fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-Avukat tal-konvenut b’referenza ghall-istess eccezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-qosor, ic-cirkustanzi ta’ din il-kawza jduru madwar konvenju ta’ tpartit li gie ffirmat bejn il-partijiet fid-19 ta’ Settembru, 1987. A tenur ta’ dan il-konvenju, l-attrici kellha titrasferixxi lill-konvenut id-dar 43, Msida Road, Gzira, waqt li l-konvenut obbliga ruhu li jittrasferixxi lill-attrici l-appartament Flat 9, Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, San Pawl il-Bahar, u s-somma ta’ Lm2000. Ftit wara li gie ffirmat dan il-konvenju, f’Dicembru tal-1987, l-attrici u zewgha, Francis Pace, ressqu talba biex jigi dikjarat li dak il-konvenju kien null peress li l-konvenju ma kienx gie ffirmat minn l-istess zewg attrici, bhala l-persuna li dak iz-zmien kien l-amministratur tal-beni parafernali ta’

martu u kap tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnu u bejn martu, kif ukoll a bazi tal-fatt li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat bi zball u b'eghmil doluz ipprattikat fuqha mill-konvenut. Din it-talba giet michuda b'sentenza li tat din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru, 1991.

Fil-frattemp il-konvenut kien istitwixxa kawza kontra l-attrici fejn talab l-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' permuta, u din il-Qorti b'sentenza tat-3 ta' Dicembru, 1993, kienet laqghet it-talba attrici u ordnat il-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv.

Wara dawn il-kawzi, l-attrici skopriet li, fil-fatt, l-appartament numru 9, Bentley Court, ma jezisthiex, ghax il-blokk in kwistjoni jikkonsisti biss f'seba' appartamenti li huma kollha mibjugha u/jew okkupati minn terzi.

Fid-dawl ta' din l-iskoperta, l-attrici fethet din il-kawza fejn qed terga' titlob in-nullita' tal-konvenju fuq il-bazi li l-kunsens taghha kien ivvizzjat b'qerq, frodi u zball, u ghax kien nieqes mill-oggett, u, f'kull kaz, qed titlob dikjarazzjoni li l-konvenju u s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Dicembru, 1993, huma inezegwibbli u nkapaci ta' ezekuzzjoni. Kontra din l-ahhar kawza tal-attrici, il-konvenut qed jilqa' ruhu billi jecepixxi, preliminarjament, l-insostenibilita' tal-azzjoni attrici u l-*ecceptio rei gudicata.*

Din il-Qorti sejra tittratta din it-tieni eccezzjoni l-ewwel.

L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita' ta' decizzjonijiet li jmorru kontra xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwestjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza (Galea vs Falzon et, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2002). Illi minhabba l-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jsib kontra dik l-eccezzjoni (Camilleri vs Mallia, deciza mill-Onorabbli Qorti

tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998). Sentenza li tkun konfermata jew li minnha ma jigix intavolat appell issir, pero', irrevokabbli (Cassar Parnis vs Soler, deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Marzu, 1949). In principju jinghad illi, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-istess meritu (Camilleri vs Mallia, imsemmija aktar qabel).

Issir ukoll referenza ghal kawza "Cassar vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru, 1956, li fiha dik l-Onorabbli Qorti wara li elenkat it-tliet elementi mehtiega ghal gudikat, u cioe', l-elementi tal-istess persuni, l-istess oggett, u l-istess kawza, kompliet tosserva illi "*hu maghruf li, ghalkemm ma jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett tar-rekwizit tal-identita' tad-domandi, il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun fondata fuq l-istess `ratio petendi'; u hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm, biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' tal-oggett, din l-identita' ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni.*"

Issa, ghall-fini ta' din il-kawza, m'hemmx dubbju li l-ewwel element mehtieg hu sodisfatt peress li l-partijiet f'din il-kawza huma l-istess partijiet fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 1993. L-istess jista' jinghad ghall-kawza deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru, 1991, li fiha, ghalkemm kien hemm involut ukoll ir-ragel tal-attrici, dan illum hu mejjet, u inoltre l-presenza tieghu ma kienitx u ma hiex mehtiega (tant li talba ghan-nullita' tal-konvenju ghax ir-ragel ma kienx parti fih kienet giet michuda), u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Trapani Galea Feriol vs Agius et", deciza fit-2 ta' Lulju, 1996, il-gudikat ma jintilifx bl-introduzzjoni ta' persuna ohra fil-kawza li l-presenza taghha ma tkunx strettament necessarja.

It-tieni element tal-istess oggett jidher li hu wkoll sodisfatt ghax l-oggett ta’ din il-kawza, almenu in kwantu jolqot l-ewwel talba, u simili ghal dak invokat mill-attrici fl-ewwel kawza minnha istitwita, u cioe’, it-thassir tal-konvenju ffirmat fid-19 ta’ Settembru, 1987, u l-liberazzjoni tal-attrici mill-obbligu li tersaq ghall-kuntratt finali. Il-fini taz-zewg kawzi hu, ghalhekk, l-istess u l-oggett li xtaqet takkwista l-attrici fiz-zewg kawzi hu l-istess.

Ghar-rigward tat-tielet element, dak ta’ l-istess kawza, hawnhekk jidher li l-bazi li fuqha l-attrici qed tittenta din il-kawza, ma kienitx invokata f’kawza precedenti. Minn naha l-ohra, pero’, huwa principju generali li l-gudikat jolqot ukoll eccezzjonijiet u argumenti li setghu  gew sollevati f’gudizzju precedenti. Jekk parti, f’kawza precedenti titlob l-inforzar ta’ kuntratt u tinghata sentenza a bazi ta’ dak il-kuntratt, il-validita’ ta’  dak il-kuntratt ma tistax tigi diskussa f’gudizzju iehor (Kollez. Vol. XXIX.II.31; XXXII.II.243; XLI.I.694). Darba kuntratt jigi invokat f’kawza u impoggi bhala l-bazi ta’ dik l-azzjoni, kwalunkwe difisa li jista’ jkollha effett li tinewtralizza jew twaqqa’ dak il-kuntratt, (bhal, per ezempju, li l-parti l-ohra mhux proprjetarja u ma tistax tittrasferixxi titolu tajjeb), kellha tigi sollevata  f’dak il-gudizzju, u darba li l-Qorti taghti effett lil dak il-kuntratt u tordna l-ezekuzzjoni tieghu, ma jistax, f’gudizzju iehor, jingiebu argumenti jew jitressqu provi bil-hsieb li jigi distrutt dak il-gudikat (Vol. XXXVIII.I.51). Darba, allura, li l-iskop ta’ din il-kawza timmira li ggib dikjarazzjoni li l-effett taghha hu li twaqqa’ l-gudikat tas-sentenza tat-3 ta’ Dicembru, 1993, jikonkorri, b’daqshekk, it-tielet element mehtieg.

Jista’ jkun li l-attrici targumenta li hi saret taf b’certi cirkustanzi u fatti wara s-sentenzi ta’ din il-Qorti. Dan, pero’, fic-cirkustanzi kongruwi, jista’ jaghti lok ghar-re-trattazzjoni tal-kawza, izda jekk dan ir-rimedju straordinarju ma giex involat, il-gudikat jibqa’ jorbot. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Caruana vs Caruana”  deciza fis-6 ta’ Marzu, 1991, jekk sentenza la tigi appellata u lanqas ritratta, tghaddi in gudikat b’mod li ma tkunx tista’ tigi attakkata u hija rrevokabbli. L-interess

tal-ordni pubbliku u c-certezza li taghti sentenza jigu menomati jekk kawza tkun tista' dejjem tinfetah mill-gdid fuq allegazzjoni li, min tilef, "skopra" xi fatt jew prova gdida! Jekk dan ikun premess, kull kawza tkun tista' terga' tinfetah, ghax zgur li l-parti telliefa tkun fi grad takkwista xi xhud, argument jew fatt iehor gdid. Taht certi cirkostanzi, l-ligi stess tippermetti s-smiegh mill-gdid ta' kawza f'kaz ta' provi godda, izda dan tista' taghtih biss fil-limiti tal-procedura ta' re-trattazzjoni, u mhux b'mod iehor.

Apparti dan, din il-Qorti mhux konvinta bl-iskoperta li tghid li ghamlet l-attrici. Din il-Qort ghad trid tiltaqa' ma' xerrej li, qabel ma jixtri, ma jkunx almenu mar jara l-fond li ser jakkwista. L-attrici zgur li ma kinitx se tpartat id-dar taghha ma appartament iehor minghajr ma tara dak l-appartament u l-konvenut, fil-fatt, fid-dikjarazzjoni tieghu jikkonferma, mhux biss li l-fond in kwistjoni jezisti, izda li l-attrici dahlet personalment fih u ratu. Kwindi, jekk kellha xi problemi fir-rigward ta' dak l-appartament kellha tissolevahom fil-kawzi precedenti bejn l-istess partijiet.

Kwindi, jirrizulta li l-ewwel talba hija milquta bil-gudikat u ma tistax, kwindi, tigi mistharrga f'din il-kawza.

L-istess jista' jinghad ghall-ewwel parti tat-tieni talba fejn qed tintalab dikjarazzjoni li l-konvenju tad-19 ta' Settembru, 1987, mhux ezegwibbli. Din il-Qorti, bis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru, 1993, qieset il-konvenju validu u ordnat l-esekuzzjoni tieghu, u dik id-decizjoni torbot lill-partijiet daqs kemm torbot lil din il-Qorti. Kif inghad fil-kawza "Bonnici vs Pullicino", deciza mill-Qorti fl-1935, b'referenza ghall-gurisprudenza taljana in materja, "*la sentenza che interpreta un determinato titolo, o stabilisce intorno alla sua efficacia, benche' per un limitato effetto, fa stato di cosa guidicata fra le stessi parti contendenti anche per effetti nono espressamente compresi nello stesso guidizio".*

Ghar-rigward tat-tieni parti tat-tieni talba tal-attrici, fejn din qed titlob dikjarazzjoni ta' inezegwibbilita' tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 1993, il-konvenut qed jopponiha bid-difiza li tali azzjoni attrici

mhux proponibbli, u dan peress li sentenza tista’ tigi attakkata biss bil-procedura ta’ l-Appell u re-trattazzjoni. Mhux, possibbli, qed jigi alelgat, li jigi dikjarat li sentenza m’ghandhiex effett jekk mhux wara li tigi segwita l-procedura legali ghall-iskop ta’ appell u/jew re-trattazzjoni.

Fil-fatt, b’din it-talba, l-attrici qed tipprova takkwista l-istess rizultat li ppruvat takkwista bl-ewwel kawza li hi fethet, u cioe’, li tillibera lilha nfisha mill-konvenju li hi ffirmat fid-19 ta’ Settembru, 1987. Gia inghad li hi kellha diversi opportunitajiet fejn setghet tipprova twaqqa’ dak il-konvenju, izda dawn kollha fallew u din il-Qorti ordnat l-enforzar ta’ dak il-konvenju. Dik is-sentenza issa ghaddiet in gudikat u torbot ghal dak li ordnat, u xejn li jigi “skopert” wara ma jista’ jtellef mill-effikacja ta’ dik is-sentenza.

Issa l-attrici, f’din il-kawza, mhux qed tressaq appell mis-sentenza moghtija fit-3 ta’ Dicembru, 1993, u lanqas ma hi qed titlob ir-ritrattazzjoni taghha; l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni li dik is-sentenza “hija inezegwibbli u inkapaci ta’ ezekuzzjoni” fil-konfront taghha.

Il-procedura ta’ “*restitutio in integrum”,* li, skond il-konvenut, qed tadotta l-attrici, kienet tezisti fil-ligi antika ta’ pajjizna, u l-Qrati taghna kienu jhossu li kellhom d-diskrezzjoni biex, f’cirkustanzi specjali, ihassru jew jimmodifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan huwa poter li kien vestit fil-*Praetor Ruma*, u l-Imhallef taghna kienu jikkunsidraw li kellhom l-istess poteri u fakultajiet li kellu dan l-ufficjal; dan ir-rimedju, kien fil-fatt, uzat biex tithassar sentenza meta l-gudikat kien ihoss li, fic-cirkustanzi specjali tal-kaz, hekk kien jixraq.

Meta fis-seklu dsatax, gie promulgat il-Kodici ta’ Procedura, dan ir-rimedju ma giex inkorport fil-Kodici l-gdid, u giet, minflok, regolata s-sistema ta’ ritrattazzjoni. B’din l-ahhar procedura, sentenza li ghaddiet in gudikat tista’ wkoll tigi mhassra, izda biss f’cirkustanzi partikolari specifikati fl-istess Kodici, u basta l-azzjoni ssir f’terminu preskritt u bil-procedura appozita. Il-Legislatur, donnu, ma riedx li sentenza definittiva tkun tista’ tigi mhassra fi kwalunkw zmien jew ghal kwalunkwe raguni li jkun lest

jaccetta l-gudikant; ic-cirkustanzi li jistghu jwasslu ghat-thassir tas-sentenza, ma baqghux aktar fid-diskrizzjoni tal-gudikant (li seta' jaccetta jew ma jaccettax cirkustanza partikolari skond kif jidhirlu hu li kien gust), izda gew definiti b'mod oggettiv fil-ligi.

Nonostante din il-bidla, kien hawn, pero' min baqa' jahseb li l-istitu ta' ritrattazzjoni ma ssosstitwix l-istitut antik ta' "*restitutio in integrum"*, u dan peress li l-Kodici ta' Procedura l-gdid, ghalkemm ma jirreferix ghal dak l-istitut, ma jhassrux espressament. Il-gurista Malti, Paolo Debono, fl-istudju tieghu "*Storia della Legislazione"* jghid (pag. 323), li l-istitut ta' ritrattazzjoni kien mahsub biex jissostitwixxi l-abbuzi li kienu jsiru minhabba l-incertezza li kien johloq ir-rimedju antik Ruman. Fl-1861, pero' l-Imhallef Salvatore Naudi kien ta decizjoni (riportata fil-Volum II.226) fejn esprima l-opinjoni li l-Kodici ta' Procedura l-gdid ma kienx hassar ir-rimedji l-antiki, u l-Qorti xorta wahda kien baqghalha l-poter li thassar sentenza kull meta, fid-diskrezzjoni taghha kien jidhrilha opportun.

Din l-incertezza baqghet tipprevali ghal certu zmien, sakemm l-Onorevoli Qorti tal-Appell, f'decizjoni importanti li tat- fit-12 ta' Lulju, 1965, fil-kawza "Misrahi vs Cassar*",* qalet car u tond illi r-rimedju tar-restituzzjoni *in integrum* bhala istitut indipendenti ta' impunjazzjoni ta' sentenzi definittivi ghandu jitqies li gie abbolit meta, fis-sistema tal-ligi taghha, gie organizzat l-istitut tar-ritrattazzjoni. Din il-posizzjoni giet ikkonfermat mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Degabriele vs Gulia" deciza fil-5 ta' Far, 1968, fejn intqal li r-rimedju ta' *restitutio in integrum* "*mill-introduzzjoni tar-rimedju tar-ritrattazzjoni limitata ghal kazijiet specifici, m'ghadux jesisti izjed fis-sistema legali taghna riferibbilment ghas-sentenza".*

Din l-istess posizzjoni ttiehdet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Cauchi vs Dimech et " deciza fit-3 ta' Lulju, 1995, fejn spjegat illi r-rimedji biex tigi attakkata sentenza definittiva tal-Qorti huma l-appell u r-riemdju straordinarju tar-ritrazzzjoni; kieku kien mod iehor, osservat dik l-Onorabbli Qorti, allura s-sentenza qatt ma

ssir definittiva u qatt ma jista’ jkun hemm ezekuzzjoni taghha.

Ricentement, l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza “Bugeja vs Azzopardi” decza fid-19 ta’ Gunju, 2001, regghet osservat li l-ligi procedurali tistabilixxi tassattivament ir-rimedji tal-appell u tar-ritrattazzjoni biex jigu mpunjati sentenzi; m’huwiex konsentit li jigu adottati xi rimedji ohra oltre dawk dettati mil-ligi. Il-kuncett tar-*restitutio in integrum*, kompliet tghid dik il-Qorti, m’huwiex aktar accessibbli f’cirkosntazi bhal dawn sa mill-pomulgazzjoni tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili u bl-Ordinanza numru XI tal-1856 li ntroduca l-istitut ta’ ritrattazzjoni. F’dik il-kawza, it-talba ghat-thassir ta’ sentenza kienet in-nuqqas tan-notifika tac-citazzjoni lill-parti telliefa, u l-Qorti osservat li ragun simili kellha tikkomprendi wkoll l-opportunita’ ta’ ritrattazzjoni minhabba n-nuqqas ta’ notifika tal-Avviz tas-Smiegh kif kontemplat fl-artikolu 811 (b) tal-imsemmi Kodici; dak l-ilment barra mir-rimedju ta’ ritrattazzjoni, ma setax jigi kkunsidrat.

Din il-Qorti tinnota li anke din il-Qorti diversament presjeduta, kienet hadet din il-linja f’sentenzi taghha, bhal, per ezempju, id-decizjoni moghtija fis-7 ta’ Novembru, 1989, fil-kawza “Sciberras vs Hili”, u dik moghtija fl-14 ta’ Frar, 1997, fil-kawza “Giordmaina vs Vella”; ara wkoll is-sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru, 2002, minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza “Bartolo noe vs Vassallo noe”.

Illum, jista’ jizdied, hemm rimedju iehor biex tigi mhassra sentenza definittiva, barra mir-rimedji ndikati ta’ appell u ritrattazzjoni, u dan bil-procedura ta’ rikors Kostituzzjonali meta jkun allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem (ara “Cuschieri vs Prim Ministru et”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Frar, 1996).

L-attrici, f’din il-kawza, qed titlob rizultat li ma jistax jigi ottenut bil-procedura adoperata. Fil-fatt, dikjarazzjoni ta’ inezegwibilita’ ta’ sentenza li ghaddiet in gudikat mhux kontemplata fil-ligi taghna, u la darba r-rimedju ta’ *restitutio in integrum*, mhux aktar parti mis-sistema

guridika taghna, il-gudikat ghandu jitqies definit u irrevokabbli.

Ovvjament, kull sentenza li tinghata ghandha tigi esegwita fit-termini precizi taghha, u ma tistax tigi esegwita b'mod iehor. Iz-zmien ta' l-ezekuzzjoni ta' sentenza hu, pero', fid-diskrezzjoni tal-kreditur tal-obbligazzjoni, u dan jista' jaghzel hu meta jinsisti ghall-esekuzzjoni. Ovvjament, il-kreditur ma jistax jichad lid-debitur id-dritt li dan jonora l-obbligazzjoni f'terminu qasir wara s-sentenza, u l-attrici (debitrici ta' din l-obbligazzjoni) kien ikollha ragun tilmenta kieku l-konvenut (kreditur) qed jimpediha milli tesegwixxi l-obbligazzjoni. Dan, pero', mhux il-kaz, ghax il-konvenut iddikjara li jrid jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att u lest li dan jaghmlu. L-attrici, pero', mhux qed tinsisti li jsir il-kuntratt fit-termini tas-sentenza, u allura ma tistax tilmenta li m'ghandhiex tithalla tistenna tletin (30) sena biex tillibera ruhha mil-effetti tas-sentenza. Jekk hi trid tehles minn dan l-inkwiet fuq mohha, tista' tinsisti hi li jsir il-kuntratt relattiv, u jekk il-konvenut jirrifjuta li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, il-Qorti hasbet ghal dan billi innominat kuratur biex jirrappresenta lil kull eventwali kontumaci fuq l-att.

Dan qed jinghad, ghax l-ilmenti li resqet l-attrici, ma jistghux, anke jekk minnhom, iwaqqfu l-esekuzzjoni tas-sentenza li nghatat minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 1993. In-Nutar li jippublika l-att m'ghandux jidhol fi kwistjonijiet ta' titolu jew provenjenza tal-proprieta', u lanqas m'ghandu jivverifika jekk il-proprieta' hijiex milquta b'ipoteki jew b'xi privilegg, ghax tali ricerka mhux biss tezorbita l-funzjoni tieghu, izda hu ghandu ordni mill-Qorti biex jippubblika l-att, u hekk ghandu jaghmel. Jekk ikun hemm xi problemi dwar titolu jew djun li jolqtu l-proprieta', kien dmir tal-partijiet li jissollevaw dawn il-kwistjonijiet fil-kawza fejn gie mitlub l-ezekuzzjoni tal-konvenju; darba, pero', li l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-att, in-Nutar ghandu jipprocedi u jara bis li r-rekwiziti procedurali li l-ligi titfa' obbligu fuqu, bhala ufficjal pubbliku, biex iharishom, ikunu, fil-fatt imharsa. Ghall-bqija, in-Nutar m'ghandux jidhol fil-meritu tal-kontenut tal-kuntratt, izda jipprocedi kif ordnat il-Qorti u skond it-termini tas-sentenza tal-istess Qorti. Il-ligi ta' bejgh tipprovdi hi stess protezzjoni ghax-

xerrej, billi tipprovdi il-garanziji ta’ pacifiku pussess u kontra difetti latenti, u l-venditur, anke f’kaz ta’ tpartit, hu tenut b’dawn il-garanziji, sakemm ma gewx espressament eleminati mill-partijiet fuq il-konvenju, li ma jidhirx li hu l-kaz.

Kwindi, ma hemm ebda impediment ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv, u s-sentenza li tat din il-Qorti it-3 ta’ Dicembru, 1993, hi fil-fatt ezegwibbli u hi kapaci ta’ ezekuzzjoni, u dan billi in-Nutar mahtur, fizikament jippubblika l-att opportun skond il-konvenju li gie res ezegwibbli bl-imsemmija sentenza. In-Nutar, waqt li jippubblika l-att, ghandu biss ikun fidil mal-konvenju, billi jipproduci d-dettalji tal-proprieta’ u l-kondizzjonijiet imnizzla fil-konvenju, u jara li, formalment, dak l-att jissodisfa r-rekwisiti li trid il-ligi; ghall-bqija tahseb il-ligi.

Ghalhekk, taht kull aspett, ma hemm xejn x’izomm l-ezekuzzjoni formali tas-sentenza ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ Dicembru, 1993, u kwindi taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenut li l-istanza attrici hija insostenibbli.

Fid-dawl tal-premess, u ghar-ragunijiet msemmija, din il-Qorti tilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------